# HUWA T-TAGĦLIM DWAR RIINKARNAZZJONI BIBBLIKU JEW TAGĦLIM FALZ?

Minn
George Ebejer

# IR-RIINKARNAZZJONI U L-BIBBJA
## (L-ewwel parti)

## DEFINIZZJONIJIET U SPJEGAZZJONIJIET

Hemm forsi numru ta' verżjonijiet differenti tar-riinkarnazzjoni daqs kemm hemm nies li jemmnu fiha. Għalkemm jidher li kull wieħed għandu pożizzjoni differenti, hemm xi ħsibijiet komuni fost dawn il-veduti differenti. Żewġ termini li huma komuni għall-gruppi kollha je-ħtieġu definizzjonijiet. L-ewwel, x'inhu mfis-ser *b'riinkarnazzjoni*? Ġeneralment, riinkarna-zzjoni tirreferi għall-proċess li bih ruħ tkun inkarnata (mil-Latin "fi + ġisem") suċċessiva-ment f'iġsma differenti. Kittieb prolifiku li hu favur ir-riinkarnazzjoni ta d-definizzjoni li ġejja:

> "Aħna nistgħu niddefinixxu r-riink-arnazzjoni mela, billi ngħidu li din hija pjan li bih kreaturi li ma jin-temmux huma mogħtija iġsma fiżiċi adattati għal l-istadju tagħhom ta' kobor, u li permezz tagħhom huma jistgħu jiġu f'kuntatt mal-lezzjoni-jiet tal-ħajja fiżika" (Irving S. Coop-er, *Reincarnation: The Hope*

*of the World*, The Theosophical Press, Wheaton, Ilinois, 1955, p. 17)

It-tieni, qabel ma nkunu nistgħu nifhmu l-proċess tar-riinkarnazzjoni, aħna għandna nifhmu t-tifsira tal-kelma *karma*. *Karma* (minn Sanskrit għal "azzjoni" jew "tagħmel") hija t-terminu assenjat għal "linji" jew "prinċipju uni-versali" li hu maħsub li jiggverna l-erwieħ koll-ha. Huston Smith jipprovdina b'deskrizzjoni:

> "Kull ġrajja fiżika għandha l-kawża tagħha, u kull kawża jkollha l-effetti ddeterminati tagħha….Il-kondizzjo-ni preżenti tal-ħajja in-terna ta' kull individwu—kemm hu ferħan, kemm hu konfuż jew trankwill, kemm jis-ta' jara—hi prodott eżatt ta' dak li hu kien u kellu fil-passat; u l-istess, il-ħsibijiet u d-deċiżjonijiet preżen-ti tiegħu qegħdin jiddeterminaw l-istati tiegħu tal-futur. Kull att li hu jindirizza fuq id-dinja għandu r-rea-zzjoni egwali u opposta fuqu nnifsu. Kull ħsieb u għemil jagħti daqqa li ma tidhirx ta' furmatur lejn l-iskul-

turar tad-destin tiegħu" (kif ikkwo-tat minn J. Head & S.L. Cranston in *Reincarnation: The Phoenix Fire Mystery* Julian Press /Crown Publishers, New York, 1977, p 13).

Impoġġija sempliċi, mela, dak li int tagħmel f'din il-ħajja għandu relazzjoni każwali għall-kwalità ta' ħajja li inti tgawdi fl-inkarnazzjoni li jmiss tiegħek. Din hi l-idea, meħuda fl-estrem, li kull wieħed jieħu dak li jixraqlu."

Kif, skond kif qed jintqal, taħdem ir-riinkarn-azzjoni? Essenzjalment, għalkemm jeżistu ħaf-na teoriji differenti, il-verżjoni popolari tal-pu-nent tgħid li f'xi punt fil-passat ir-ruħ tiegħek telqgħet minn ma' Alla u qed tħabrek biex tiġi lura. Int għandek ruħ eterna li dejjem eżistiet u qatt ma tieqaf milli tkompli teżisti. Ir-ruħ tiegħek daħlet fil-qasam materjali (l-ewwel in-karnazzjoni tiegħek) u kienet, prinċipalment, qed tipprogressa 'l fuq lejn l-għan aħħari ta' għaqda mill-ġdid ma' Alla. Il-kwalità ta' l-in-karnazzjoni kurrenti tiegħek hija bbażata fuq kemm int għext tajjeb fil-ħajja tiegħek ta' qabel; kif int għext f'din il-ħajja kurrenti jidde-termina kif int tgħaddiha f'li ġejja. Il-per-fezzjoni hija l-għan, u int timxi fil-pass tiegħek stess. L-istess kif kull wieħed kien

parti minn Alla, hekk ukoll kull wieħed eventwalment għandu jikseb il-perfezzjoni u jkun magħqud mill-ġdid. U wkoll dan l-istat ta' "Alla" jew "għaqda mill-ġdid" ifisser ħwejjeġ differenti minn teorija għal teorija. Madankollu, dawn it-teoriji kollha għandhom għan wieħed komuni —li aħna nitilqgħu "r-rota ta' twelid mill-ġdid."

## PROVI ALLEGATI TA' RIINKARNAZZJONI

Ir-riinkarnazzjonisti jissuġġerixxu li hemm ċerti problemi tal-ħajja li r-riinkarnazzjoni biss tista' ssolvihom. Jiena sejjer inniżżel hawn l-er-ba' maġġuri. L-ewwel hemm **il-problema tal-ġustizzja**. Cooper jispjega l-problema kif ġej:

> Waħda mill-aktar problemi iebsa għall-persuna umana biex issolvi hi-ja r-rikonċiljazzjoni ta' l-inġustizzja li taqsam il-qalb ta' ħafna mill-kon-dizzjonijiet ta' din id-dinja bi twem-min fil-ġustizzja perfetta u mħabba ta' Alla. Xi erwieħ huma mwielda f'postijiet maħmuġa u ffullati u ma jkunu mgħallma xejn ħlief krimina-lità; oħrajn huma mrobbija f'familji

> edukati u mħarsa sewwa minn missirijiet u ommijiet li jħobbuhom… Xi wħud huma mwielda f'iġsma mmankati u morda; oħrajn f'iġsma li huma perfetti. Għaliex? Xi wħud huma mwielda bħala idjoti, waqt li oħrajn huma mżejna b'qawwiet intellettwali brillanti. Għal darb'oħra, Għaliex?…
>
> "Aħna nistgħu nnaqsu dan ir-raġunar għal stqarrija sempliċi ħafna: Il-ħajja tkun inġusta jekk aħna nesperjenzaw xi tbatija mhux mistħoqqa jew kuntentizza mhux mistħoqqa. Ħafna jiġi għandna li ma nkunu la qlajnieh u lanqas ma kien jistħoqqilna f'din il-ħajja. Għalhekk, jekk jeżisti Alla ġust, aħna kellna ngħixu fuq l-art qabel u matul dak iż-żmien li beda l-kawżi li issa huma ċirkustanzi li qegħdin jikkontrollaw" (*Theosophical Simplified*, Theosophical Press, Wheaton, Illinois, 1964, pp 66-67).

It-tieni, hemm il-**problema tad-destin**. Din hija l-problema li tifhem mistoqsijiet bħal: "Kif

jiena ġejt hawn?", "Għaliex jiena qiegħed hawn?", "Fejn jiena sejjer?", u "X'inhi t-tifsira u l-iskop tal-ħajja?" Skond ir-riinkarnazzjonisti, meta l-*karma* u t-twelid mill-ġdid huma kkalkulati f'formula dawn il-problemi huma solvuti faċilment. Cooper jikteb:

> "Barra minn dan, x'inhu l-valur ta' eżistenza fiżika għal ruħ li tgħammar il-ġisem ta' tarbija li ma tgħix ħlief ftit siegħat, jew il-ġisem ta' tifel kriminal imwieled u mrobbi f'postijiet iffullati u maħmuġa? Jekk aħna ngħixu ħajja waħda biss, ma hemm ebda spjegazzjoni sodisfaċe-nti; imma jekk din il-ħajja hi waħda minn ħafna rranġati f'serje tiela 'l fuq, imbagħad naraw fiż-żewġ kon-dizzjonijiet imsemmija, il-ħlas ta' dejn f'każ wieħed, u l-ewwel sforzi ta' ruħ injoranta u mhux mgħallma fl-ieħor" (*Theosophy Simplified*, p 63).

It-tielet, ir-riinkarnazzjonisti jistqarru li huma biss għandhom it-tweġiba għall-**problema tal-prodiġjożitajiet tat-tfal**. Il-biċċa l-kbira min-na smajna dwar waqtiet li

fihom tfal kienu mżejna ħafna, per eżempju, fil-mużika f'età żgħira ħafna. Ir-riinkarnazzjonista jir-raġuna li tfal bħal dawn obligati għat-talenti tagħhom għall-ħajja ta' qabel li fiha huma kienu inklinati mużikament:

> "Ma jistax ikun li l-kwalitajiet im-nissla ta' tifel jindikaw ċar il-linji ġenerali li fihom ir-ruħ ta' dak it-tifel kienet imħarrġa f'inkarnazzjo-nijiet ta' qabel, u li kull kwalità bħal din hija fir-realtà sommarju ta' memorja?
>
> "Mhuwiex għal kollox illoġiku, per eżempju, li tissopponi li jekk ruħ kienet interessata fil-mużika fil-passat u mużiċist għal bosta ħajjiet, kull xorta ta' struzzjoni mużikali tkun maqbuda faċilment fil-bidu ta' inkarnazzjoni ġdida ..." (*Reincarna-tion: The Hope of the World*, p 95).

Ir-raba' hemm il-**problema ta' kondizzjoni tal-passat**. Kondizzjoni tal-passat hija l-frażi wżata biex tiddeskrivi l-fenomenu li tiftakar ħajjiet tal-passat. Eżempju wieħed kien imfak-kar f'dan il-kliem:

“F’April ta’ l-1927 deher artiklu fil-*Los Angeles Examiner* iffirmat minn C.H. W., jgħid dwar tifla fi New England li kellha viżjoni tal-biża’ ta’ ‘żewġ qtates sofor kbar jieklu persuna li kien jisimha ‘Mar-cella.’ Fil-ħajja ta’ kuljum, it-tifla ċkejkna ma kienet taf lil ħadd b’dak l-isem, lanqas qatt ma kienet rat iljun fil-ħajja qasira tagħha tal-preżent…. Iċ-ċirkustanzi kienu kważi għaddew mill-memorja attiva meta dan reġa’ ġara…u baqa’ jiġri, għal-kemm bil-frekwenza u l-vjolenza jonqsu, matul it-tfulija kollha tagħ-ha. Kien suġġett li dwaru kienet sensittiva ħafna u ma kinetx lesta li titkellem lanqas ma tippermetti lil xi ħadd ieħor li jagħmel dan.

“Hi kibret u żżewġet, u żewġha kien mibugħt mill-gvern tagħna fuq xi missjoni diplomatika f’Ruma. ġur-nata waħda hija kienet membru ta’ riċeviment li fih poġġiet mara, stra-nġiera għaliha, li wiċċha kien tant familjari li ġibed l-attenzjoni tagħha għal kemm-il darba. Kif

ħalliet il-mejda ta' l-ikel din l-istranġiera ġiet fuqha u talbitha biex toħroġ barra fil-ġnien…u meta kienu 'l bogħod mis-smigħ tal-bqija li kienu fir-riċe-viment hi daret lejn it-tifla żgħira tagħna ta' New England, tgħid, 'Ma tiftakarnix? Jiena kont Marċella u inti rajtni niġi mqatta' fi bċejjeċ mill-iljuni fl-arena. Jiena ħassejtni poż-ittiva li niltaqa' miegħek f'din l-inkarnazzjoni'" (*IN: Reincarnation: The Phoenix fire Mystery*, p 411).

Nimmaġinaw, li jekk wieħed ikun jafr il-ħaj-jiet tiegħu tal-passat, huwa jkun jista' jgħix aħ-jar il-ħajja tiegħu tal-preżent. B'riżultat ta' dan it-twemmin, hija d-drawwa kurrenti għal nies li jkunu ntrigati "f'terapija tal-ħajja tal-passat" biex b'hekk huma jkunu jistgħu jsibu esperjen-za ta' ħajja ta' qabel li tispjega l-abbiltajiet u l-limitazzjonijiet kurrenti tagħhom. F'dawn is-sezzjonijiet ta' terapiji l-emmiena (jintqal lilna) huma meħuda lura fiż-zmien u b'hekk huma jkunu jistgħu allegatament ifissru f'dettalji pre-ċiżi ħwejjeġ materjali kif ukoll nies li magħ-hom kienu assoċjati f'inkarnazzjonijiet ta' qab-

el. Għar-riinkarnazzjonist esperjenzi bħal dawn dejjem iservu bħala xhieda empirika, jiġifieri, li joqgħod fuq l-esperjenza biss u mhux fuq ix-xjenza, għall-verità tat-twemmin tiegħu.

Kull waħda minn dawn il-problemi jintqal li hija mwieġba adegwatament biss permezz ta' appell għar-riinkarnazzjoni. *Karma* ssolvi l-problema tal-ġustizzja; perfezzjoni aħħarija u univesali eventwalment issolvi l-problema tad-destin; twelid ġdid jidher soluzzjoni adattata għall-problema tal-kapaċitajiet tat-tfal. U r-riin-karnazzjonisti jemmnu li għarfien minn qabel hu tassew is-sejħa ta' ħajjiet tal-passat. Mhux biss ir-riinkarnazzjonisti japplikaw din ix-xorta ta' xhieda biex jargumentaw il-punt tagħhom, imma huma jsejħu wkoll il-Bibbja biex tixhed dwar il-veduta tagħhom tad-dinja. U tabilħaqq, jekk dottrina bħal din għandha tkun aċċettata fi ġnus "Kristjani" dawk li jipproponuha għand-hom jittrattaw mal-Bibbja. Minflok ma jwarr-buha jew ma jagħtux każ tagħha, riinkarnazz-jonisti tal-punent jippruvaw biex jużaw il-Bib-bja f'appoġġ għad-dottrina tagħhom. Dawn li ġejjin huma l-aktar riferenzi Bibliċi li huma wżati ta' spiss u li huma jgħidu li jgħallmu r-riinkarnazzjoni:

1. Matttew 11:8-14. Huma jsostnu li Ġwanni l-Battista kien ir-riinkarnazzjoni ta' Elija.
2. Ġwanni 9:1-3. Huma jgħidu lid-dixxipli emmnu fir-riinkarnazzjoni u Ġesù ma kkorreġihomx.
3. Eżodu 20:5. Huma jżommu dan li jfisser kastig f'ħajjiet tal-futur għal dnubiet tal-preżent.
4. Mattew 5:48. Huma jistqarru li Ġesù kien qiegħed iwiegħed il-perfezzjoni lin-nies kollha.
5. Ġwanni 3:3. Hawn (igħidu huma) Ġesù jgħallem ir-riinkarnazzjoni.
6. Galatin 6:7; Mattew 16:27; Rumani 2:6; eċċ. Għalihom dawn il-versi jgħallmu l-liġi ta' *karma*.

Passaġġi oħra huma wkoll użati imma dawn huma rappreżentazzjoni adegwata. Mela dan hu l-każ tagħhom: huma biss jistgħu jwieġbu t-taħbil tassew importanti tal-ħajja, u l-Iskrittura Kristjana tgħallem ċar l-inkaranzzjoni (dejjem skond huma).

## TWEĠIBA BIBLIKA GĦAR-RIINKARNAZZJONI

Hija din id-dottrina korretta? Konna aħna sempliċiment għomja għaliha? Ħalli nikkunsid-

raw it-tweġiba Biblika għar-riinkarnazzjoni. L-ewwel, aħna neħtieġu li nindirizzaw il-"problemi" li (jintqal lilna) r-riinkarnazzjoni biss tista' ssolvihom. Xi ngħidu dwar **il-problema tal-ġustizzja?** L-ewwel aħna nenfasizzaw li hemm Alla fis-smewwiet li Hu interessat dwar it-tbatija f'din id-dinja. Il-problema tal-ħażen hija tabilħaqq suġġett kumpless; madankollu, it-tweġiba tar-riinkarnazzjoni bilkemm hija aċċettabbli. Il-bilanċ tat-tagħlim Bibliku relattiv għal din il-ħaġa huwa li:

(1) Alla ħalaq dinja perfetta:

> "*U Alla ra kulma għamel, u, ara, kien tajjeb wisq…*" (Ġenesi 1:31).

(2) Il-bniedem hu aġent morali ħieles:

> "*U jekk jidhrilkom li hu ħażin taqdu l-Mulej, agħżlu intom illum lil min tridu taqdu; l-allat li qdew missirijietkom in-naħa l-oħra tax-xmara, jew l-allat ta' l-Amurrin, li intom qegħdin f'arthom: iżda ngħid għalija u għal dari, aħna naqdu l-Mulej.*" (Ġożwè 24:15).

Naqraw fi Ġwanni 5:39-40,

> "*Fittxu fl-iskrittura; għax fiha taħsbu li għandkom il-ħajja ta' dejjem: hija hi li tagħti xhieda tiegħi.* [40]*U intom ma tridux tiġu għandi, biex ikollkom il-ħajja.*"

(3) Aġenti morali ħielsa għandhom l-abbiltà biex jagħmlu għażliet ħżiena, u spiss jagħmlu.

(4) L-għażla magħmula mill-bniedem fil-Ġnien ta' Għeden ġabet id-dnub fid-dinja:

> "*Għalhekk, bħalma bi bniedem wieħed id-dnub daħal fid-dinja, u l-mewt bid-dnub; u hekk il-mewt għaddiet għal fuq kull bniedem, għax kollha dinbu*" (Rimani 5:12; Ġenesi 3).

(5) L-għażliet ħżiena tal-bnedmin ikomplu li jkunu s-sors tal-ħażen, uġigħ, u tbatija fid-dinja.

(6) Ġesù ta ħajtu fuq is-salib tal-Kalvarju biex jirrimedja l-problema. Naraw fi Ġwanni 3:16,

> "*Għax Alla hekk ħabb lid-dinja, li ta l-Iben waħdieni tiegħu, biex kull min jemmen bih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem.*"

(7) Hemm smewwiet li fihom kulħadd għandu jirsisti biex jidħol. L-appostlu Pawlu jgħidilna:

> "*Minħabba fit-tama li hemm tistenniekom* ***fis-smewwiet****, li biha intom smajtu qabel fil-kelma tas-sewwa ta' l-evanġelju.*"

L-appostlu Ġwanni jgħid ukoll:

> "*Imberkin dawk li jagħmlu l-kmandamenti tiegħu, biex ikollhom id-dritt għas-siġra tal-ħajja, u jistgħu jidħlu fil-belt mill-bwieb.*"

Il-Mulej tagħna, Ġesù Kristu, iwiegħed lid-dixxipli kollha tiegħu billi jgħidilhom:

> "*Ifirħu, u thennew wisq; għax kbir hu ħlaskom* ***fis-smewwiet****: għax hekk ippersegwitaw lill-profeti li kienu qabilkom.*"

Ġesù jwiegħed ukoll,

> "*La tħallux qalbkom titħawwad: temmnu f'Alla, temmnu wkoll fija. F'dar Missieri hemm ħafna agħmajjar: kieku ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Jien sejjer inhejji post għalikom. U jekk immur u nhejji post għalikom, nerġa' niġi u nilqagħkom*

*għandi;* ***biex fejn inkun jien tkunu intom ukoll***" (Ġwanni 17:1-3).

U l-appostlu Pietru jgħid ukoll dwar dan:

"*Imbierek ikun Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li bil-ħniena kbira tiegħu raġa' wilidna għal tama ħajja bil-qawma ta' Ġesù Kristu minn bejn l-imwiet, Għal wirt li ma jit-ħassarx, ma jittebbax, u ma jgħibx,* ***merfugħ fis-sema għalikom***" (1 Pietru 1:3-4)

(8) L-eżistenza tal-ħażen ma twaqqafx l-imħab-ba, l-għarfien, jew il-qawwa ta' Alla; l-imħabba Tiegħu għalina u l-għarfien Tiegħu għall-istat imwiegħer tagħna huma murija ċar f'dak li Hu applika l-qawwa bla tarf Tiegħu biex jipprovdi s-soluzzjoni perfetta għall-problema tagħna—dak hu kollu li l-Kalvarju kien! Paragun ta' din is-soluzzjoni Biblika razzjonalment ċara, ma' dik offruta mir-riinkarnazzjonisti immedjata-ment jirrivela l-orrur ta' din is-sistema. Huwa barbaru li timmaġina li kull tarbija mmankata, kull mara rrejpjata, u l-vittmi tal-kankru huma "sewwasew qegħdin jieħdu dak li jistħoqqil-hom"!

Il-Bibbja għandha tweġiba ċara u bla ebda żball għall-*problema tad-destin*. Aħna ġejna minn Alla:

> "*U Alla qal: Ħalli nagħmlu l-bniedem fuq xbihietna, u fuq suritna, u ħa jkollhom ħakma fuq il-ħut tal-baħar, u fuq l-art kollha, u fuq kull ħlieqa li titkaxkar fuq l-art. Hekk Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu: fuq ix-xbieha ta' Alla ħalqu; raġel u mara ħalaqhom*" (Ġenesi 1: 26-27).

Aħna qegħdin hawn biex inservu lil Alla. Salamun jgħid:

> "*Il-konklużjoni, wara li kollox instama', hi: Ibża' minn Alla, u ħares il-kmandamenti tiegħu: għax dan hu d-dmir ta' kull bniedem*" (Ekkleżjażti 12:13).

Mikea jgħid hekk:

> "*Uriek, o bniedem, x'inhu tajjeb; u x'jitolb minnek Yaħweh ħlief li tagħmel biss is-sewwa, u tħobb it-tjieba, u timxi bl-umiltà ma' Alla tiegħek?*" (Mikea 6:8).

Aħna mexjin lejn ġudizzju universali. L-appostlu ispirat jgħidilna:

> "*Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem*" (2 Korintin 5:10).

Fejn aħna ngħaddu l-eternità huwa ddeterminat minn kif aħna nwieġbu għal Kristu fl-unika mawra umana li jkollna. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna dan:

> "*U għad iserraħ lilkom li qegħdin issofru. Kif ukoll lilna, dak in-nhar li Sidna Ġesù jfeġġ mis-smewwiet imdawwar bl-anġli tal-qawwa tiegħu, B'nar iħeġġeġ, biex iħallas lil dawk li ma jagħarfux lil Alla, u 'l dawk li ma jobdux l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù. Dawn għad jitħallsu bil-piena tat-telfien ta' dejjem, 'il bogħod minn wiċċ Alla u mis-sebħ tal-qawwa tiegħu. Meta jiġi biex ikun igglorifikat fil-qaddisin tiegħu, u biex jistagħġbu bih dawk kollha li jemmnu (għax ix-xhieda tagħna fos-*

*tkom kienet emmnuta) f'dak il-jum*" 2 Tessalonikin 1:7-10).

Għal kuntrarju, "ir-rota tat-twelid mill-ġdid" immaġinarja tar-riinkarnazzjoni hija fatali u ma tistax twieġeb il-problema tad-destin.

**Prodiġjożitajiet tat-tfal** mhumiex problema reali. Aħna lkoll niġu f'din il-ħajja b'abbilta-jiet, talenti u tendenzi differenti. Il-Missier ta' fuq huwa l-għajn ta' kull don tajjeb u perfett. ġakbu jgħid:

> "*Kull għotja tajba, u kull għotja per-fetta ġejja mill-għoli, nieżla min-għand il-Missier tad-dawl, li fih mhemm ebda tibdil, u lanqas dell tad-dawran*" (Ġakbu 1:17).

Dak li jimporta fil-ħajja mhuwiex dak li għan-dek imma kif int qiegħed tużah fis-servizz tas-Sultan (Mattew 25:14-30). Is-soluzzjoni ppro-ponuta mir-riinkarnazzjoni hija tassew stramba. Għaliex hu li hemm daqshekk ftit tfal ġenji? Jekk "ir-rota tat-twelid ġdid" ilha ddur għal żmien twil ħafna jkun raġjunevoli li tikkonklu-di li aħna lkoll eventwalment nitwieldu b'ċerti abbiltajiet imnissla li konna qegħdin nipper-fezzjonaw għal sekli mhux

magħrufa. Mela għaliex huwa li f'dinja ta' ħames biljun ruħ u aktar, tfal b'ħila kbira (dawk li nsejħulhom *ġenji*) huma tant rari?

**Il-problema ta' konjizzjoni tal-passat** hija tabilħaqq waħda pekuljari. Kif nistgħu aħna nispjegawha? Huwa ovvju li biċċa kbira minn dan jista' jkun imwarrab bħala daħk fil-wiċċ u qerq. Sfortunatament, ħafna nies, u meta ngħid, *ħafna* nkun qiegħed tassew infisser *ħafna*, jibilgħu dak kollu li jkun ġdid għalihom. Imma xi ngħidu dwar il-każi ġenwini li fihom inkun jidher li xi ħadd qiegħed jiftakar xi ħaġa minn żmien li fih huma qatt ma għexu fih u post li qatt ma kienu fih? L-aktar tweġiba ovvja hija li dawn il-"memorji" huma sempliċiment il-prodott ta' immaġinazzjoni attiva ħafna li qiegħda tlaqqa' mill-ġdid tagħrif li dwaru l-moħħ konxju mhuwiex infurmat. Aħna nafu tant ftit dwar kif jaħdem il-moħħ, u l-moħħ huwa bil-wisq l-aktar kompjuter komplikat li dwaru jaf il-bniedem. Ix-xogħolijiet tiegħu huma tant kumplessi li kull ma jista' jagħmel il-bniedem huwa li sempliċiment jieqaf skantat u mgħaġġeb dwaru. Il-fenomenu ta' għarfien minn qbel huwa sempliċiment wieħed minn dawk il-ħwejjeġ bħal *dèja vu* (esperjenza li xi ħaġa li tkun qed tingħad l-ewwel darba wieħed ikun diġà għad-

da minnha u li l-Mulej ma rax adattat lijispjega. Forsi Hu ħallihom bħala xradi, ħwejjeġ ftit u xejn misterjużi biex aħna niskopruhom fis-snin li ġejjin, jew jista' jkun li aħna qatt ma nkunu nafuhom (Dewteronomju 29:29). Il-fatt li l-Isk-rittura Mqaddsa hija silenzjuża dwar dawn u ħwejjeġ oħra bħalhom huwa indikazzjoni li huma relattivament insinjifikanti għall-ħajja u t-tjieba (2 Pietru 1:3). Ir-riinkarnazzjoni ma tmurx aħjar fuq dan il-punt, minħabba l-fatt li ħafna min-nies li allegatament kienu mwielda mill-ġdid kellhom saħansitra farka ta' xhieda ta' memorja minn esperjenzi ta' qabel.

It-tieni, ħalli neżaminaw l-allegati **provi Bibliċi** għar-riinkarnazzjoni. Dawn in-nies imorru f'tulijiet assurdi sabiex isibu ġustifikazzjoni Biblika għas-sistema tagħhom. Ġesù ma għallimx li Ġwanni l-Battista kien ir-riinkarnazzjoni ta' Elija; minflok, Hu sempliċiment għamel paragun bejn dawn iż-żewġt irġiel kbar. Il-punt ta' Ġesù kien li Ġwanni wettaq il-pro-fezija tat-Testment il-Qadim li kienet tidher li tindika li Elija jiġi lura. Meta t-tieni Slaten 2:15 u Luqa 1:17 ikunu meħuda flimkien u mifhuma b'mod korrett, ir-relazzjoni xierqa bejn Ġwanni l-Battista u Elija

hija magħmula ċara. Ġwanni l-Battista ma kienx aktar ir-riinkarnazzjoni ta' Elija milli kien Eliżew. Huwa ovvju li Eliżew ma kienx ir-riinkarnazzjoni ta' Elija—kieku kien, fejn mar l-*ispirtu ta' Eliżew* meta hu rċieva lil Elija? Il-verità hija illi fit-tnejn f'Eli-żew u fi Ġwanni l-Battista wieħed jista' jara xebħ għal Elija. Eliżew kellu l-qawwiet mirak-olużi ta' Elija, u Ġwanni l-Battista kellu l-istess kuraġġ qawwi u sodizza dottrinali ta' Elija. Nagħtu l-fehma vulgari u żbaljata tar-riinkar-nazzjoni ta' din is-silta, ftit nistagħġbu li Ġesù ħassu mġiegħel biex jerġa' jgħid ir-rimarki Tiegħu dwar Ġwanni l-Battista u Elija: "*jekk tridu tilqugħ.*" (Ara minn paġna 27 għal aktar spjega.)

Meta nikkunsidraw is-silta fi Ġwanni 9, aħna nkunu mistagħġba mill-ġdid dwar in-nuqqas kollu ta' fehma lir-riinkarnazzjonisti juru lejn il-Bibbja. Huma qegħdin ovvjament jaqraw fit-test dak li huma jridu jgħidu. L-appostlu Ġwanni jippreżenta lid-dixxipli bħala li huma aktar ikkonċernati bir-raġuni tan-nuqqas tad-dawl tar-raġel milli għall-fatt li hu qagħad fil-preżenza ta' l-uniku Wieħed li kien jista' jfej-qu! Inkwantu dwar x'setgħu huma ħasbu dwar

ir-riinkarnazzjoni, Ġesù biċ-ċar ċaħad il-possibbiltà bit-tweġiba Tiegħu:

> "*Hu u għaddej, Ġesù ra raġel agħma minn twelidu. U d-dixxipli tiegħu staqsewh, billi qalu: Mgħallem, min dineb, dar-raġel, jew il-ġenituri tiegħu, biex twieled agħma? Wieġeb Ġeesù*" *La dar-raġel ma dineb, u lanqas il-ġenituri tiegħu: imma biex l-egħmejjel ta' Alla jidhru fih*" (Ġw-anni 9:1-3).

Ir-riinkarnazjoni tgħid li mankamenti f'din il-ħajja huma r-riżultati ta' *karma* ħażina. Dan ir-raġel ta' Ġwanni kapitlu 9 (biex ikun konsistenti mad-dottrina tar-riinkarnazzjonisti) kellu jkun raġel ħażin fl-inkarnazzjoni tiegħu ta' qabel biex ikun imwieled hekk (per eżempju, forsi hu qala' l-għajnejn ta' raġel ieħor f'dik il-ħajja). Imma Ġesù qal—**mhux hekk!** In-nuqqas ta' dawl ta' dan ir-raġel ma kellu xejn x'jaqsam mad-dnub speċifiku. Jekk ir-raġel ma kellux *karma* ħażina biex "jeħels minnha", u madankollu kien imwieled agħma, fejn hija "l-ġustizzja ta' l-għaġeb" lir-riinkarnazzjonisti jistqarru lis-sistema tagħhom biss tista' tipprovdi? Biċ-ċar din is-silta tagħti daqqa tal-mewt għall-pożizzjoni tar-riinkarnazzjonisti.

Barra dan, huwa inkorrett li tissuġġerixxi lid-dixxipli em-mnu fir-riinkarnazzjoni. L-aktar li aħna nistgħu ngħidu, mill-informazzjoni mogħtija, huwa li huma emmnu (bħall-"ħbieb" ta' Ġob) li l-uġigħ u t-tbatija kienu ttraċċjati għal dnubiet speċi-fiċi. Għalhekk huma kienu mħawwda fuq il-fatt lin-nuqqas ta' dawl ta' dak ir-raġel kien mit-twelid—mela kif jistgħu d-dnubiet tiegħu jku-nu l-kawża?

Is-silta f'Eżodu 20:5 tgħallem—mhux ir-riinkarnazzjoni—imma eżattament dak li tgħid. Spiss il-konsegwenzi tad-dnubiet ta' persuna huma meħuda mit-tfal u t-tfal tagħhom. Per eż-empju, jekk mara l-LSD (droga qawwija ħafna) fis-sena 1960 u mbagħad bħala riżżultat well-det tarbija mmankata, aħna ma nistgħux ngħidu lit-tarbija ħadet *il-ħtija* ta' l-omm. Imma nis-tgħu ngħidu lit-tarbija kienet imtaqqla bil-*kon-segwenzi* tad-dnub ta' ommha, li hija totalment ħaġa oħra.

Iwiegħed Ġesù li l-bnedmin kollha f'ġuranta waħda junu perfetti? Waqt li nammettu lit-traduzzjoni : "*Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet*" (Mat-tew 5:48) hija korretta l-istqarrija għandha tkun mifhuma fil-kuntest tagħha. Ġesù ma kienx qiegħed iwiegħed salvazzjoni universali, imma

pjuttost kien qiegħed juri għall-maturità li hija murija meta wieħed igħix skond it-tagħlim kbir morali li Hu kien għadu kif ippreżenta. Ġesù kien qiegħed igħid (fl-effett), "Intom għandkom tagħmlu dawn il-ħwejjeġ, u meta tagħmluhom tkunu bħal Alla f'dan ir-rispett." Is-sens veru tal-vers huwa għajta wisq 'il bogħod mill-interpretazzjoni mgħawwġa offruta ir-riinkarnazzjonisti!

Nikodems resaq eqreb f'li jespirimi twemmin fir-riinkarnazzjoni milli għamel Ġesù fi Ġwan-ni 3:3-5. Il-Mulej ma qalx li mingħajr riinkarn-azzjoni wieħed jista' qatt jilħaq in-nirvana; Hu qal li sakemm bniedem ma jkunx imwieled mill-ilma (magħmudija fl-ilma, Atti 8:36-39) u l-ispirtu (jiġifieri, jaċċetta t-tagħlim ipprovdut mill-Ispirtu s-Santu) hu qatt ma jikseb iċ-ċitta-dinanza tas-smewwiet fil-knisja jew saltna.

Igħallem it-Testment il-Ġdid il-liġi ta' *karma*? **Assolutament le!** It-Testment il-Ġdid igħallem il-prinċipji ġenerali li azzjonijiet għandhom il-konsegwenzi. Dan mhuwiex l-istess bħal *karma*, għaliex skond il-*karma* **kull** għemil tajjeb huwa ppremjat u **kull** għemil ħażin huwa kkastigat. Fi Kristu aħna mogħtija l-barka li niksbu l-maħfra tad-dnubiet—"*mhux*

*bl-opri tajba li konna għamilna, iżda skond il-ħniena tiegħu salvana, bil-ħasil tat-twelid mill-ġdid, u t-tiġdid ta' l-ispirtu s-Santu*" (Titu 3:5). Dan il-passaġġ huwa wieħed fost ħafna li jgħallem li s-salvazzjoni ma tinqalax jew tinkiseb, imma aċċettata bħala rigal bla ħlas. Filwaqt lir-riinka-rnazzjoni tkun teħtieġ "li teħles minn 'dejn kar-miku'," il-Mulej jipprovdi maħfra ħielsa lill-emmiena kollha mgħammda u pentienti (Atti 2:38) li jkomplu jimxu "fid-dawl" (1 Ġwanni 1: 7-10).

Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha jwasslu għal l-istess konklużjoni li ma tistax taħrab minnha—wieħed ma jistax ikun Kristjan fidil u jemmen u jgħallem id-dottrina falza tar-riinkar-nazzjoni. Din hija opposta għalkollox għat-tagħlim tal-Kelma ispirata ta' Alla. F'konkluż-joni, li ġejja, hija lista fil-qosor ta' konflitti kbar bejn il-Bibbja u r-riinkarnazzjoni:

1. Ir-riinkarnazzjoni ma tagħmel ebda distinz-joni bejn Alla u l-bniedem.
2. Ir-riinkarnazzjoni telimina l-bżonn għad-demm ta' Kristu billi tgħallem li kulħadd ikun salv bl-opri tiegħu stess.
3. Ir-riinkarnazzjonisti jippadrunizzaw lil Ġesù għat-tagħlim morali tiegħu imma jiċħdu l-verità Dawru.

4. Ir-riinkarnazzjoni tonqos milli twieġeb għall-fatt li Ġesù kiseb il-perfezzjoni f'ħajja waħda biss.
5. Ir-riinkarnazzjoni tikkontradixxi d-dottrina tal-Bibbja Mqaddsa tal-Ħolqien, il-Waqa', u l-Iskema tal-Fidwa.
6. Ir-riinkarnazzjoni ma tistax twieġeb għat-trattament kattiv u brutali ta' Ġesù bil-liġi tagħha tal-*karma*.
7. Ir-riinkarnazzjoni tiċħad ir-realtà ta' l-Infern.

Għalkemm hemm ħafna problemi oħra ma' din id-dottrina falza, dawn il-ħwejjeġ huma tant importanti li jwasslu lil dak li jkun biex jikkon-kludi li riinkarnazzjoni hija deċiżament mhux tassew, mhux Biblika, u biċ-ċar kontra Kristu.

## HIJA R-RIINKARANZZJONI BIBLIIKA? (It-tieni parti)

Illum huma ħafna nies li qegħdin jigu mqar-rqa ħafna tagħlim falz fejn wieħeed minn dan it-tagħlim huwa, it-tagħlim tar-riinkarnazzjoni. Il-kelma *riinkarnazzjoni* letteralment tfisser *li terġa' tiġi fil-laħam* (ġisem). Il-proċess tar-riin-karnazzjoni—twelid mill-ġdid kontinwu f'iġs-ma umani—allegatament ikompli sakemm ir-ruħ tkun laħqet stat ta' perfezzjoni u terġa'

tmur lura mas-sors tagħha (Alla jew ir-*Ruħ Universali*).

Il-lott kollu ta' persuna fil-ħajja, skond dawk li jemnu fir-riinkarnazzjoni, huwa bbażat fuq il-liġi tal-karma. Din il-liġi tgħid li jekk ħwejjeġ ħżiena jiġru fil-ħajja ta' persuna, dan huwa x-xogħol ta' karma ħażina. Jekk ħwejjeġ tajba jiġru fil-ħajja ta' persuna, dan huwa x-xogħol ta' karma tajba.

*Karma* tirreferi għad-dejn li ruħ takkumula minħabba azzjonijiet tajba jew ħżiena fil-ħajja ta' dak li jkun (jew ħajjiet fil-passatt). Jekk wieħed jakkumula karma tajba billi jwettaq azzjonijiet tajba, hu jew hi jkun riinkarnat fi stat mixtieq. Jekk wieħed jakkumula karma ħażina, hu jew hi jkun riinkarnat fi stat inqas mixtieq.

Xi nies ifissru ħażin l-Iskrittura u jgħidu li Ġesù Nnifsu għallem ir-riinkarnazzjoni jew *twelid mill-ġdid ċikliku*. F'Mattew 11:14, per eżempju, Ġesù Qal, "U jekk tridu tilqgħuh, dan hu Elija, li għandu jiġi." Ukoll, fi Ġwanni 3:3 Ġesù qal, "Tassew, tassew ngħidlek, li, jekk wieħed ma jitwilidx mill-ġdid, ma jistax jara s-saltna ta' Alla."

Imma dawn il-passaġġi, interpretati sewwa, ma jappoġġjawx ir-riinkarnazzjoni. Mattew 11:

14 mhux tassew igħallem li Ġwanni l-Battista kien riinkarnazzjoni ta' Elija. Luqa 1:17 jgħid hekk: "U hu jimxi quddiemu *fl-ispirtu u l-qawwa ta' Elija*, biex iraġġa' l-qlub tal-missirijiet lejn l-ulied, u lil dawk li ma joqogħdux għall-għerf tan-nies ġusti; biex ihejji poplu lest għall-Mulej." Dan il-vers huwa riferenza importanti għal dak li jintqal f'Mattew 11:14, fejn igħidilna li l-ministeru ta' Ġwanni l-Battista kien imwettaq *fl-ispirtu u l-qawwa ta' Elija*. Barra dan, ir-riinkarnazzjonisti konvenjentament jinsew li Ġwanni l-Battista, meta kien mistoqsi jekk hu kienx Elija, wieġeb ċar, "Le!" Ara x'tgħid il-Bibbja: "*U staqsewh: X'int mela? Int Elija? U qal:* ***Miniex****. Int dak il-profeta? Wieġeb:* ***Le***" (Luqa 1:21; enfasi tiegħi. Ara paġna 21). Tista' prova aktar ċara minn din tkun mogħtija biex turi kemm huwa falz it-tagħlim ta' tar-riinkarnazzjoni? Lest int li tkun imqarraq b'dak il-mod sfaċċat? Jekk lest, tajjeb mela li taqra Efesin 5:6.

Dwar il-kliem ta' Ġesù li tkun *imwieled mill-ġdid* fi Ġwanni 3:3, il-kuntest juri ċar li Ġesù kien qiegħed jirreferi għal twelid spiritwali jew riġenerazzjoni. Fil-fatt, il-frażi *titwieled mill-ġdid* iġġorr l-idea ta *mwieled minn fuq* u tista' saħansitra tkun tradotta dak il-mod. Ġesù kkja-

rifika t-tifsira Tiegħu billi afferma li "*l-ġisem jagħti twelid lil ġisem, imma l-Ispirtu jagħti twelid lil l-ispirtu*" (vers 6).

Hemm Skrittura oħra li jikxef il-falzità ta' dak it-tagħlim, jiġifieri, tar-riinkarnazzjoni. Lhud 9:27 igħidilna: "*U kif inhu miktub għall-bnedmin li għandhom imutu darba biss, u wara dan isir il-ġudizzju…*" Minn dan wieħed jista' jara b'mod l-aktar ċar li l-bniedem hu ddestina li jmut darba biss u li *wara* dik il-mewta mhux jerġa' jieħu ġisem ieħor, imma jsir il-ġudizzju! Kull bniedem igħix darba bħala mortali fuq l-art, imut darba, u mbagħad iħabbat wiċċu mal-ġudizzju. Hu m'għandux it-tieni ċans billi jirriinkarna f'ġisem ieħor. Aħna naqraw fit-Tieni Korintin 5:8 – "*Aħna qalbna qawwija u persważi li aħjar noħorġu minn dan il-ġisem u mmorru noqogħdu għand il-Mulej.*" Dan juri ċar li fil-mewt il-Kristjan immedajtament imur fil-preżenza tal-Mulej, mhux ġo ġisem ieħor. Luqa 16:19-31 jindikaw li dawk li jma jemmnux fil-mewt imorru f'post ta' tbatija, mhux ġo ġisem ieħor.

Aħna għandna wkoll niftakru li Ġesù għallem li n-nies jiddeċiedu id-destin etern tagħhom f'ħajja waħda (Mattew 25:46). Dan u preċiża-

ment għaliex l-appostlu Pawlu enfasizza li "*issa hu jum is-salvazzjoni*" (2 Korintin 6:2).

Barra dan, Ġesù għallem il-konċett tal-qawmien, mhux riinkarnazzjoni. Fil-fatt, Ġesù ppriedka l-qawmien Tiegħu stess kmieni fil-ministeru publiku tiegħu (Ġwanni 2:19). U wara li Ġesù qam mill-mewt, Hu deher lil xi wħud mid-dixxipli u qal, "*Araw idejja u riġlejja, kif jiena jien innifsi; missuni, u araw; għax spirtu m'għandux la laħam u lanqas għadam, bħal ma taraw li għandi jien*" (Luqa 24:39). Ġesù rxoxta fl-istess ġisem li daħal fil-qabar. Il-ġisem Tiegħu saħanitra kellu l-marki u l-feriti f'idejh, f'riġlejh, u f'ġenbu mill-kurċifissjoni. Isma' x'qal Ġesù lil tumas: "*Imbagħad qal lil Tumas: Ġib sebgħek hawn, u rar idejja; u ġib idek, u daħħalha f'ġenbi; u la tkunx bla fidi, iżda emmen. 28U Tumas wieġeb u qallu: Mulejja, u Alla tiegħi.*" (Ġwanni 20:27-28). Juri dan li Ġesù kien irriinkarnat? Ma jġibx fix-xejn dan it-tagħlim falz tar-riinkarnazzjoni?

B'żieda mar-rifjutazzjoni Biblika tar-riinkarnazzjoni, aħna għandna nuru wkoll għal xi wħud mill-problemi prattiċi involuti fit-teorija tar-riinkarnazzjoni. Per eżempju, aħna għandna nistaqsu, għaliex wieħed ikun ikkastigat (via *karma ħażina*) għal xi ħaġa li hu jew hi ma

jistax jiftakar li kien għamel f'ħajja ta' qabel? Ukoll, jekk l-iskop ta' karma huwa biex jeħles lil umanità mix-xewqat xħaħ tagħha (kif igħdu r-riinkarnazzjonisti) mela għaliex ma kienx hemm progress li wieħed jista' jinnutah fin-natura umana wara l-millennji kollha ta' riin-karnazzjoni fuq l-art?

Fl-aħħar, jekk ir-riinkarnazzjoni u l-liġi tal-karma huma tant ta' benefiċċju fuq livell prat-tiku, kif jistqarru r-riinkarnazzjonisti, mela kif huma jispjegaw il-problemi immensi u dej-jem jiħżienu soċjali u ekonomiċi—inkluż il-faqar ma' kullimkien, ġuħ, mard, u tbatija orri-bbli—fl-Indja, fejn ir-riinkarnazzjoni hija mgħallma sistematikament matul l-istorja?

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:

**Knisja Ta' Kristu**
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew: www.churchofchristmalta.com

Ħinijiet tal-laqgħat:
Il-Ħadd: Servizz ta’ qima: 10.30 a.m.
L-Erbgħa: Studju tal-Bibbja: 7.00 p.m.